MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.
HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2001

Numru 134/2001

**Il-Pulizija
(Sp. David Saliba)**

**vs**

**Joseph Sant ta' 47 sena, iben
Nazzareno u Maria nee Bezzina,
mwieled Mosta fit-18.8.1953,
u joqghod 'Lara Pinta' Numru 11,
Triq il-Waqqaf, Mosta,
detentur tal-karta ta' l-identita'
numru 606353 (M).**

**Illum 25 ta' Lulju, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Joseph Sant li gie akkuzat talli fis-7 ta’ Ottubru, 2000 u fix-xhur ta’ qabel, f’Malta, xjentement xtara jew laqa ghandu hwejjeg misruqa u cioe kwantita’ ta’ kompjuters u accessorji ohra li l-valur taghhom jeccedu s-somma ta’ Lm1000, ghad-dannu ta’ diversi sidien, liema oggetti gew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li fil-verbal ta’ l-10 ta’ April, 2001 l-akkuzat irregistra l-ammissjoni tieghu u li zamm ferm l-istess wara li l-Qorti tatu zmien biex jahseb fuq l-istess.

Rat ir-rinviju ta’ l-Avukat Generali datat 17 ta’ April, 2001, fejn intbaghtu l-artikoli taht liema nhaseb li tista’ tinstab htija u cioe l-artikoli: 334, 20, 22, u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal tat-8 ta’ Gunju, 2001 fejn l-akkuzat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Ikkonsidrat,

Illi in vista ta’ l-ammissjoni tieghu l-Qorti qeghda ssibu hati ta’ l-akkuza kif dedotta kontra tieghu u dan wara li rat l-artikolu 334 tal-Kap 9. Rat il-fedina penali ta’ l-imputat li hija netta, qieset ukoll l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, qieset ukoll li l-artikoli 20 u 22 u 533 mhux applikabbli ghall-kaz in kwistjoni, in vista tal-fatt li ma rrizulta ebda aggravju iehor kif volut fl-artikolu 280 tal-Kap 9 u lanqas ma jirrizulta li Joseph Sant tressaq quddiem il-Qorti b’arrest.

Dwar il-piena rat l-artikolu 9 tal-Kap 152 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin mill-llum.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.